MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2886/2002

**Joseph Cutajar**

**Vs**

**Joseph Said u Olivia Said**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' hames mija u tlieta u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm563.50) rapprezentanti prezz ta' materjal u *labour* ta' xogholijiet ta' tappezzerija li l-attur ghamel fuq vettura tal-marka MGB fuq inkarigu tal-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha eccepew li:-

[a] L-ammont mitlub huwa ezagerat.
[b] Ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u l-konvenuti nkorrew danni.

Semgha x-xhieda.

Semgha t-trattazzjoni.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

[a] L-attur ghandu negozju ta’ tappezzar.

[b] Il-konvenuta hija propjetarja ta’ vettura tal-marka MGB li giet restawrata. Ghax-xoghol ta’ tappezzerija nkarigat lill-attur. Meta l-vettura ttiehdet fil-garaxx ta’ l-attur din kienet zarmata. Il-konvenuta pprovdiet ukoll l-accessorji kollha li kellhom jitwahhlu.

[c] Ma jirrizultax li qabel beda x-xoghol sar xi ftehim fuq il-hlas. In oltre l-konvenuta ma talbitx stima ta’ l-ispejjez.

[d] Il-kont ghax-xoghol gie ffirmat mill-konvenut l-iehor, u l-hlas pretiz kien ta’ hames mija u tlieta u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm563.50).

[e] L-ilmenti tal-konvenuta gew verbalizzati fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2003 [fol. 9] u huma:-

1. Il-*hood* ma tqeghditx kif suppost u d-difett ghadu hemm;
2. Meta tqieghdet il-windscreen iz-zebgha nqasmet u kellu jerga’ jsir xoghol fuq il-vettura li kien jikkonsisti fi spraying tal-parti bejn il-windscreen u l-bonnet;
3. Ix-xoghol ta’ spray sar izda ghadu ma sarx il-polish, ghal dan ix-xoghol thallset is-somma ta’ Lm34.50;
4. Ghax-xoghol li sar fuq il-vettura ma kellux jintalab il-hlas ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm300). Fil-kors tax-xhieda taghha [seduta tat-8 ta’ April 2003] il-

konvenuta semmiet haga haga l-ammonti li kienet qeghda tikkontesta.

[f] Il-kont inghata lill-konvenuta u din ikkonfermat li *"kien hemm ix-xoghol indikat u l-prezz fuq kull bicca xoghol. Dak il-hin jiena ma ghidtlu xejn fuq il-prezz. Sempliciment ghidtlu: issa nkellem lill-papa ghaliex il-papa jrid ihallas"* [seduta tat-8 ta' April 2003].

2. Mill-provi rrizulta li x-xoghol li sar huwa komplessivament wiehed sodisfacenti. Hekk stqarr il-konvenut:- *"irrid nghid illi jiena f'dan il-qasam Ghandi xi ftit esperjenza, u x-xoghol li ghamlu ta' Cutajar in generali huwa wiehed sodisfacenti"* [seduta tat-8 ta' April 2003]. Huwa kompla jghid li kif inghata l-kont *"jiena mill-ewwel rajtu ghali"*. Madankollu mid-dokument stess jirrizulta li dan gie ffirmat mill-konvenut. Wiehed ma jistax jifhem ghal liema raguni dan il-kont gie ffirmat jekk kif ighid hu mill-ewwel kellu dik ir-rejazzjoni. Il-firma fuq il-kont tati wiehed x'jifhem li l-konvenut accetta li jhallas is-somma ta' hames mija u tlieta u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm563.50) bhala hlas ghax-xoghol kollu li sar fuq il-vettura. Dan iktar u iktar meta fi kliemu: *"huwa minnu dak li qieghed jigi suggerit illi Norbert kien spjegali l-items illi hemm imnizzlin fil-kont u domna ftit biex ghamilna dan l-esercizzju"*. Ghalkemm qal li huwa kien qieghed jiffirma *"under objection"* [il-kliem li uza l-konvenut], ta' dan m'hemm l-ebda hjiel hdejn il-firma tal-konvenut. Il-konvenut jidher li huwa persuna ta' skola u sahansitra jokkupa kariga ta' *managing director* f'kumpannija lokali, u ghalhekk zgur li jaf kif imorru l-affarijiet meta tiffirma kont minghajr ebda rizerva. Ma jistax ma jissemmix ukoll li meta gie ffirmat il-kont mill-konvenut il-vettura kienet diga' ttiehdet minn gewwa l-garaxx ta' l-attur.

3. Illi f'kull kaz ghal dak li qalu l-konvenuti li l-hlas pretiz huwa wiehed eccessiv, it-Tribunal lanqas m'ghandu provi ta' dan. Il-fatt li l-konvenuta qalet li *"meta semmejt l-ammont ta' flus li ccargjani l-attur, kullhadd baqa'*

*mistaghgeb"* u l-konvenut qal li staqsa xi hbieb. Pero' dan ma jistax jitqies bhala prova sodisfacenti li l-kont huwa ezagerat. Jirrizulta li l-vettura ttiehdet fil-garaxx ta' l-attur zarmata u sar ix-xoghol kollu li jissemma fil-kont li ffirma l-konvenut.

4. It-Tribunal ser iqies l-ilmenti li ghamlet il-konvenuta ghal dak li jikkoncerna l-hood u l-qasma fl-ispray fejn tpoggiet il-*windscreen*. Ghal dak li jikkoncerna l-hood it-Tribunal m'ghandux provi sodisfacenti li dan id-difett effettivament jezisti u/jew li jahti ghalih l-attur. Il-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti u fic-cirkostanzi m'huwiex f'posizzjoni li jasal biex ighid min qal is-sewwa. Ghal dak li jikkoncerna l-qasma fl-ispray fejn tqieghdet il-windscreen it-Tribunal qieghed *arbitrio boni viri* jnaqqas is-somma ta' erbghin lira Maltija (Lm40) mill-hlas dovut lill-attur.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' hames mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm523.50) hlas dovut ghal xoghol li sar fuq il-vettura MGB. L-imghax huwa dovut mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------